DIRETTIVI

DIRETTIVA 2007/63/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Novembru 2007

li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/855/KEE u 82/891/KEE fir-rigward tar-rekwiżit ta' rapport ta' espert indipendenti fl-okkażjoni ta' għaqda jew diviżjoni ta' kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 44(2)(g) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [1],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Il-linji politiċi Komunitarji dwar Regolamentazzjoni Aħjar, b'mod partikolari dawk stabbiliti fil-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolati rispettivament "Valutazzjoni strateġika għal Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea" tal-14 ta' Novembru 2006 u "Il-Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea" ta' l-24 ta' Jannar 2007 jisħqu l-importanza tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi imposti fuq l-impriżi bil-leġiżlazzjoni eżistenti ta' element kruċjali għat-titjib tal-kompetittività ta' tali impriżi u għall-kisba ta' l-għanijiet ta' l-aġenda ta' Liżbona.

(2) Id-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar *mergers* transkonfinali ta' kumpaniji ta' responsabbiltà limitata [3] tipprovdi għal eżenzjoni mill-obbligu li l-abbozz tat-termini ta' l-għaqda jiġi eżaminat minn esperti indipendenti u mittfassil ta' rapport minn tali esperti għall-azzjonisti tal-kumpaniji involuti fl-għaqda, jekk l-azzjonisti kollha jaqblu li tali rapport mhuwiex meħtieġ.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 78/855/KEE [4] dwar l-għaqda ta' kumpaniji b'responsabbiltà pubblika limitata ma fihiex eżenzjoni simili fir-rigward tat-termini abbozzati ta' l-għaqda, filwaqt li d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE [5] dwar id-diviżjoni ta' kumpaniji b'responsabbiltà pubblika limitata tħalli f'idejn l-Istati Membri jekk jipprovdux jew le għal tali eżenzjoni fir-rigward ta' l-abbozz tat-termini ta' diviżjoni.

(4) M'hemm l-ebda raġuni li jiġi rikjest tali eżami minn espert indipendenti għall-azzjonisti indipendenti jekk l-azzjonijisti kollha jaqblu li dan jista' ma jsirx. Kwalunkwe modifika tad-Direttivi 78/855/KEE u 82/891/KEE li tippermetti tali ftehim mill-azzjonisti għandha tkun minħajr ħsara għas-sistemi ta' ħarsien ta' l-interessi ta' krediturі tal-kumpaniji involuti, li jridu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri skond dawk id-Direttivi, kif ukoll għal kwalunkwe regoli maħsuba sabiex jiggarantixxu l-provvista ta' l-informazzjoni lill-impjegati tal-kumpaniji involuti.

(5) Id-Direttivi 78/855/KEE u 82/891/KEE għaldaqstant għandhom jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li temenda d-Direttivi 78/855/KEE u 82/891/KEE fir-rigward tar-rekwiżit ta' rapport ta' espert indipendenti fl-okkażjoni ta' għaqda jew diviżjoni ta' kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata.

[1] ĠU C 175, 27.7.2007, p. 33.
[2] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2007.
[3] ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1.
[4] It-Tielet Direttiva tal-Kunsill 78/855/KEE tad-9 ta' Ottubru 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar l-għaqda ta' kumpaniji b'responsabbiltà pubblika limitata (ĠU L 295, 20.10.1978, p. 36) Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/99/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 137).
[5] Is-sitt Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE tas-17 ta' Diċembru 1982 ibbażata fuq l-Artikolu 54 (3)(g) tat-Trattat dwar id-diviżjoni ta' kumpaniji b'responsabbilta pubblika limitata (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 47).

Artikolu 2

Id-Direttiva 78/855/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 10, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. La eżami ta' l-abbozz tat-termini ta' l-għaqda u lanqas rapport ta' espert m'għandu jkun meħtieġ jekk l-azzjonisti kollha u d-detenturi ta' titoli oħra, li jagħtuhom id-dritt li jivvutaw, ta' kull wieħed mill-kumpaniji involuti fl-għaqda ikunu qablu hekk."

(2) Fl-Artikolu 11(1), il-punt (e) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(e) fejn applikabbli, ir-rapporti previsti fl-Artikolu 10."

Artikolu 3

Id-Direttiva 82/891/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 9(1), il-punt (e) għandu jinbidel b'dan li ġej:

" (e) fejn applikabbli, ir-rapporti previsti fl-Artikolu 8."

2. L-Artikolu 10 *għandu* jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

1. La eżami ta' l-abbozz tat-termini tad-diviżjoni u lanqas rapport ta' espert kif previst fl-Artikolu 8(1) m'għandu jkun meħtieġ jekk l-azzjonisti kollha u d-detenturi ta' titoli oħra, li jagħtuhom d-dritt li jivvutaw, ta' kull waħda mill-kumpaniji involuti fid-diviżjoni jkunu qablu hekk.

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli 7 u 9(1)(ċ) u (d) jekk l-azzjonisti kollha u d-detenturi ta' titoli oħra, li jagħtuhom id-dritt li jivvutaw, ta' kull waħda mill-kumpaniji involuti fid-diviżjoni jkunu qablu hekk."

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2008. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn il-miżuri u tabella ta' korrelazzjoni bejnhom u din id-Direttiva.

Meta jiġu adottati mill-Istati Membri, dawn il-miżuri għandhom jikkontjenu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 13 ta' Novembru 2007.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
H.-G. PÖTTERING	M. LOBO ANTUNES